# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

## MAGISTRAT

## DR MICHAEL MALLIA LL.D.

## Seduta ta' nhar il-Hamis 10 ta' Mejju 2001

**Numru 4**

**Avviz. numru 344/00mm**

**Atlas Insurance Agency Ltd u dawn bhala agenti ta' AXA Insurance PLC gia Guardian Royal Exchange PLC kif surrogati bil-ligi u bil-polza fid-drittijiet tal-assigurat taghhom Martin Dimech**

**vs**

**Carmela Vassallo**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz ippresentat mis-socjeta' attrici fit-22 ta' Marzu,2000 fejn talbet lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenuta li thallas lill-atturi s-somma komplessiva ta' Lm340 (tlieta mija u erbghin lira Maltin) danni mhallsa mill-attur nomine fuq vettura JAE 836 assikurata *comprehensive* u ghal liema somma l-attur nomine jinsab surrogat fid-drittijiet ta' Martin Dimech u dan b'rizultat ta' habta li grat fis-26 ta' Marzu,1999 go Ta' Xbiex meta waqt li

huwa kien qed isuq il-vettura JBB 168 habat mal-vettura JAE836 proprjeta' ta' Martin Dimech u misjuqa minnu u ghal liema ncident huwa kien unikament responsabbli.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-13 ta' Ottubru,1999 u tal-ittra tal-1 ta' Dicembru 1999, u bl-imghax tat-8% fuq Lm340 mill-31 ta' Ottubru 1999, sal-hlas effettiv kontra l-konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni u dawk tal-ittra ufficjali tat-22 ta' Marzu,2000 kontra England Insurance Agency Ltd assiguraturi tal-konvenuta.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta fejn eccepiet illi:-

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez peress li l-kollizzjoni in kwistjoni ma gratx minhabba negligenza, imperizja, traskuragni u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parte tal-konvenuta kif allegat fl-avviz, izda gara tort unikament tal-assigurat tas-socjeta' attrici li kontra tieghu qed jinzammu fermi d-drittijiet tal-esponenti ghar-risarciment tad-danni minnu kkawzati u li inoltre minghajr pregudizzju ghal-premess, illi t-talba attrici hija eccessiva.

2. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza tirrigwarda ncident tat-traffiku illi gara fis-26 ta' Marzu, 1999 ghal habta tas-siegha ta' wara nofs-in-nhar fi Triq Principessa Elizabbetta, Ta' Xbiex bejn il-karozza JAF 836 misjuqa mill-assikurat tas-socjeta' attrici Martin Dimech u l-karozza JBB 168 misjuqa mill-konvenuta. Inzerta illi z-zewg vetturi nvoluti f'dan l-incident huma ta' l-istess marka u tip u cioe' Fiat Bravo.

Dimech xehed illi huwa kien qed isuq fi Triq Principessa Elizabbetta u javvicina l-*stop sign* li kien hemm f'tarf it-triq. Dak il-hin kien hemm hafna karozzi pparkjati fuq iz-zewg nahhat. Kien hemm sahansitra truck ipparkjat ezatt fuq l-*stop sign*. Dimech waqaf wara dan it-truck u ra l-karozza misjuqa mill-konvenuta ddur il-kantuniera u hekk kif ratu nhasdet u baqghet diehla go fih. L-incident kien wiehed *head on*. Dimech irrapporta l-incident lill-kumpanija assikurattrici tieghu illi hadet passi biex tipprocessa l-claim tieghu u wara li baghtet *surveyor*, saru t-tiswijiet abbazi ta' rakkomandazzjonijiet ta' dan. Gew esibiti d-debiti ricevuti kif ukoll dokumenti biex jiggustifikaw l-ispiza mahruga mis-socjeta' attrici ghat-tiswija tal-karozza ta' l-assikurat taghhom.

Minn nahha l-ohra, l-konvenuta qalet li hija kienet qieghdha ssuq fi triq principali u riedet iddur ghal go Triq Principessa Elizabbetta. Ezatt fuq l-*stop sign* kien hemm karozza tostakolalha l-vista u ghalhekk kif giet magemb dan it-truck, rat il-karozza misjuqa minn Dimech, ma setghetx tevita l-incident u

baqghet diehla go fih. Il-konvenuta xehdet li hija hadet il-prekawzjonijiet kollha sabiex iddur il-kantuniera izda minhabba dan il-van ipparkjat ma setghetx tara sew min kien hemm fit-triq. Kif giet parallela mbaghad ma' dan it-truck jew van sabet lil Dimech ma' wiccha. Gew esibiti wkoll diversi ritratti ta' dan l-incident illi juru l-fatti speci ta' dan il-kaz.

Ikkunsidrat:

Jinghad mill-bidu nett illi r-ritratti esibiti minn Martin Dimech jikkontrastaw xi ftit l-sketch li pprezenta s-surgent. Fil-fatt il-karozza tal-konvenuta kif ammettiet hi stess, kienet parallela ma' dan it-truck li kien hemm ipparkjat fuq l-*stop sign* u mhux aktar l-quddiem kif jidher fl-sketch. Ma hemmx dubbju li dan it-truck huwa pparkjat b'mod irregolari, imma ta' dan ghandu jwiegeb sidu fil-foro kompetenti,f'dan l-istadju l-Qorti ma tistax tikkonsidra l-operat tieghu.

Ghal dak li jirrigwarda l-partijiet il-Qorti ftit issib x'tista ticcensura fis-sewqan ta' Dimech. Dana kien qieghad f'posizzjoni regolari tat-triq mehud inkonsiderazzjoni d-diffikultajiet li kellu bil-vetturi pparkjati fuq zewg nahat. Avvicina l-*stop sign* b'mod kawt tant illi naqqas il-velocita' tal-karozza u kien kwazi wieqaf meta gara l-incident. Ma hemmx dubbju illi Dimech kien wieqaf ferm wara l-*stop sign*, anke wara dan it-truck ipparkjat irregolarment, ghalhekk zgur illi ma ghandhux tort ta' l-incident.

Il-kwistjoni li trid tivventila din il-Qorti hija jekk il-konvenuta minn nahha l-ohra, ghandhiex responsabbilta' ta' dan l-incident tenut

kont id-diffikulta illi pogga dan it-truck ipparkjat irregolarment. Il-Qorti jidhrilha illi l-konvenuta ghandha certa responsabbiltajiet x'terfa.

Minkejja dan l-ostakolu illi kellha quddiemha, jidher illi l-konvenuta qabdet u dahlet go Triq Principessa Elizabbetta minghajr ma hadet il-prekawzjonijiet necessarji. Veru li kien hemm dan it-truck li qed jostakolalha l-vista, pero' dina ma setghetx taqbad u tidhol fit-triq  bl-ghama bhal ma jidher li ghamlet. Ma jidhirx illi hi zammet bizzejjed fuq in-nahha tax-xellug tat-triq sabiex hi tkun tista jkollha *a wider view* u tara sew fi Triq Principessa Elizabbetta. Il-konvenuta ma ghamlet xejn minn dan u jidher illi qabdet u daret, zammet razenti dan it-truck ipparkjat biex b'hekk zgur ma kienetx f'posizzjoni illi tara min kien gej fit-triq mid-direzzjoni opposta. Minkejja d-diffikultajiet illi kellha, l-konvenuta kienet f'sitwazzjoni illi setghet tipprevedi illi bil-manuvra taghha setgha jinqala ncident. Sewwieq ma jistax isib ruhu f'sitwazzjoni illi jsuq fl-ghama. Jekk jigri hekk ghandu jieqaf, u jesplora sewwa t-triq qabel ma jkompli l-perkors tieghu. L-konvenuta messha zammet aktar lura, waqfet qabel ma dahlet fi Triq il-Principessa Elizabbetta u esplorat it-triq u mhux qabdet u dahlet bl-ghama bhal ma ghamlet. Ir-ritratti esibiti minn Dimech juru karozzi pparkjati rregolarment fuq iz-zewg nahhat tat-triq pero' minn nahha l-ohra, hemm linja medjana minn fejn jidher illi l-konvenuta qaghdet fuq il-parti tal-lemin taghha. Tajjeb jew hazin minkejja illi l-parti karreggjabbli kienet ridotta hafna l-konvenuta ma messhiex zammet daqshekk lejn il-lemin b'mod

illi qieghdha kwazi razenti t-truck illi kien hemm ipparkjat fuq il-bankina. Kien hemm aktar spazju fuq ix-xellug li l-konvenuta setghet tutilizza. Tant hu hekk, illi kieku hadet dawra aktar fit-tul kienet tkun tista tutilizza dik il-parti tax-xellug tal-karreggjata taghha, izda l-konvenuta ma ghamlitx hekk, daret razenti t-truck ipparkjat fuq il-bankina biex b'hekk poggiet il-karozza taghha fuq in-nahha tal-lemin tat-triq, triq illi del resto hija *two way.* Ghalhekk il-Qorti jidhrilha illi ghal dan l-incident ghandha twiegeb esklussivament il-konvenuta peress illi ma haditx il-prekawzjonijiet necessarji meta giet biex iddur il-kantuniera ghal go Triq il-Principessa Elizabbetta.

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici u tikkundanna lill-konvenuta thallas lill-istess socjeta' s-somma komplessiva ta' Lm340 (tlieta mija erbghin lira Maltin) danni mhallsa mill-attur nomine fuq vettura JAE 836 assikurata *comprehensive* u ghal liema somma l-attur nomine jinsab surrogat fid-drittijiet ta' Martin Dimech u dana b'rizultat ta' habta li grat fis-26 ta' Marzu,1999 go Ta' Xbiex meta waqt li l-konvenut kien qed isuq il-vettura JBB 168 habtet mal-vettura JAE 836 proprjeta' ta' Martin Dimech u misjuqa minnu u ghal liema ncident il-konvenuta kienet unikament responsabbli.

Bl-ispejjez u interessi  legali mid-data tan-notifika ta' dan l-avviz kontra l-konvenuta.

Anthony Zammit

Dep Reg